2026/1960

21.8.2026

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1960

## tal-20 ta' Awwissu 2026

## li jemenda għat-359 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-13 u l-14 ta' Awwissu 2026, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda, skont ir-Riżoluzzjonijiet 1267(1999), 1989(2011) u 2253(2015), li jemenda ċerti annotazzjonijiet fil-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplikaw il-miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Awwissu 2026.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President*
*Direttur Ġenerali*
*Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja,*
*is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/881/oj.

*ANNESS*

(a) Id-data tal-identifikazzjoni tal-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni naturali" fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hija emendata kif ġej:

(1) "Mohammed Salahaldin Abd El Halim Zidane (magħruf ukoll bħala (a) Sayf-Al Adl. Data tat-twelid: 11.4.1963. Post tat-twelid: Il-Provinċja ta' Monufia, l-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjan; (b) Muhamad Ibrahim Makkawi. Data tat-twelid: (i) 11.4.1960, (ii) 11.4.1963. Post tat-twelid: L-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana; (c) Ibrahim al-Madani; (d) Saif Al-'Adil; (e) Seif al Adel). Data tat-twelid: (i) 11.4.1963, (ii) 11.4.1960. Post tat-twelid: Il-Provinċja ta' Monufia, l-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Responsabbli għas-sigurtà ta' Usama bin Laden (mejjet). Xagħar: Skur. Għajnejn: Skuri. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 25.1.2001."

huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mohammed Salahaldin Abd El Halim Zidane (kitba oriġinali: محمد صلاح الدين عبدالحليم زيدان) (psewdonimu affidabbli: (a) Sayf-Al Adl. Data tat-twelid: 11.4.1963. Post tat-twelid: Il-Provinċja ta' Monufia, l-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana. Bl-Għarbi: سيف العدل; (b) Muhamad Ibrahim Makkawi. Data tat-twelid: (i) 11.4.1960, (ii) 11.4.1963. Post tat-twelid: L-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjan; psewdonimu inqas affidabbli: (a) Ibrahim al-Madani; (b) Saif Al-'Adil; (c) Seif al Adel; (d) Salem al-Sharif (سالم الشريف); (e) Hazem al-Madani; (f) Aber Sabil; (g) Muhannad Salem; (h) Abu Khaled al-San'ani). Data tat-twelid: (a) 11.4.1963; (b) 11.4.1960. Post tat-twelid: Il-Provinċja ta' Monufia, l-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Responsabbli għas-sigurtà ta' Usama bin Laden (mejjet). Xagħar: Skur. Għajnejn: Skuri. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 25.1.2001."

(2) "Adem Yilmaz (psewdonimu inqas affidabbli: Talha). Data tat-twelid: 4.11.1978. Post tat-twelid: Bayburt, it-Turkija. Nazzjonalità: Tork. Numru tal-passaport: TR-P 614166 (passaport Tork maħruġ mill-Konsulat Ġenerali tat-Turkija fi Frankfurt/Main fit-22.3.2006, skada fil-15.9.2009). Indirizz: (a) Südliche Ringstrasse 133, 63225 Langen, il-Ġermanja (indirizz preċedenti), b) it-Turkija. Informazzjoni oħra: (a) Assoċjat mal-Unjoni tal-Ġihad Iżlamika (IJU), magħrufa wkoll bħala l-Grupp tal-Jihad Iżlamiku, (b) Iddeportat mill-Ġermanja lejn it-Turkija fi Frar 2019, (c) Proċess ġudizzjarju li għadu għaddej minn Novembru 2023. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 27.10.2008."

huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Adem Yilmaz (psewdonimu inqas affidabbli: Talha). Data tat-twelid: 4.11.1978. Post tat-twelid: Bayburt, it-Turkija. Nazzjonalità: Tork. Numru tal-passaport: TR-P 614166 (passaport Tork maħruġ mill-Konsulat Ġenerali tat-Turkija fi Frankfurt/Main fit-22.3.2006, skada fil-15.9.2009). Indirizz: (a) Südliche Ringstrasse 133, 63225 Langen, il-Ġermanja (indirizz preċedenti); b) Atalar Neighborhood Aslı Street 24/5, 34860 Kartal, Istanbul it-Turkija; (c) Atalar Mahallesi, Atalar mahallesi aslı sokak no 24/5, 34862 Kartal İstanbul, it-Turkija. Informazzjoni oħra: (a) Assoċjat mal-Unjoni tal-Jihad Iżlamiku (IJU), magħrufa wkoll bħala l-Grupp tal-Jihad Iżlamiku; (b) Deportat mill-Ġermanja lejn it-Turkija fi Frar 2019; (c) Proċess ġudizzjarju li għadu għaddej minn Novembru 2023. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 27.10.2008."

(3) "Shafi Sultan Mohammed Al-Ajmi (psewdonimu affidabbli: (a) Shafi al-Ajmi, (b) Sheikh Shafi al-Ajmi, (c) Shaykh Abu-Sultan). Titolu: tabib. Data tat-twelid: 1.1.1973. Post tat-twelid: Warah, il-Kuwajt. Nazzjonalità: Kuwajtija. Nru tal-passaport: 0216155930. Indirizz: Area 3, Street 327, Building 41, Al-Uqaylah, Kuwait. Informazzjoni oħra: (a) Jiġbor fondi għal Al-Nusrah Front for the People of the Levant, (b) f'Novembru 2023 inħeles mill-ħabs fil-Kuwajt bħala parti mid-Digriet Speċjali ta' Amnestija ta' Amiri Nru 225/2023. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 23.9.2014."

huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Shafi Sultan Mohammed Sultan Al-Ajmi (kitba oriġinali: شافي سلطان محمد سلطان العجمي) (psewdonimu affidabbli: (a) Shafi al-Ajmi, (b) Sheikh Shafi al-Ajmi, (c) Shafi S. M. S. Alajmi; psewdonimu inqas affidabbli: Shaykh Abu-Sultan). Titolu: tabib. Data tat-twelid: 1.1.1973. Post tat-twelid: Warah, il-Kuwajt. Nazzjonalità: Kuwajtija. Nru tal-passaport: (a) 03111298 (Kuwajti); (b) 003111298 (passaport tal-Kuwajt, maħruġ fil-Kuwajt fis-16.9.2010, skada fil-15.9.2020 f'isem Shafi S M S Alajmi, kitba Għarbija شافي سلطان محمد سلطان العجمي); (c) 0216155930. Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 273010101204 (tal-Kuwajt). Indirizz: Area 3, Street 327, Building 41, Al-Uqaylah, il-Kuwajt. Informazzjoni oħra: (a) Jiġbor fondi għal Al-Nusrah Front for the People of the Levant, (b) f'Novembru 2023 inħeles mill-ħabs fil-Kuwajt bħala parti mid-Digriet Speċjali ta' Amnestija ta' Amiri Nru 225/2023. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 23.9.2014."

(4) “Amin Muhammad Ul Haq Saam Khan (psewdonimu ta’ kwalità tajba: (a) Al-Haq, Amin, (b) Amin, Muhammad; psewdonimu ta’ kwalità baxxa: (a) Dr Amin, (b) Ul-Haq, Dr Amin). Data tat-twelid: 1960. Post tat-twelid: Il-provinċja ta’ Nangarhar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Aktar informazzjoni: (a) Koordinatur tas-sigurtà għal Usama bin Laden (mejjet), (b) Mibgħut lura lejn l-Afganistan fi Frar 2006. Huwa kien l-Afganistan minn Awwissu 2021. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 25.1.2001”

huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Amin Muhammad Ul Haq Saam Khan (psewdonimu affidabbli: (a) Al-Haq, Amin, (b) Amin, Muhammad; psewdonimu inqas affidabbli: (a) Dr Amin, (b) Ul-Haq, Dr Amin). Data tat-twelid: (a) 30.4.1963; (b) 1960. Post tat-twelid: Ir-raħal ta’ Qilagho, id-Distrett ta’ Khogyani, il-Provinċja ta’ Nangarhar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Indirizz: Kabul, l-Afganistan (minn Ġunju 2026). Informazzjoni oħra: (a) Koordinatur tas-sigurtà għal Usama bin Laden (mejjet), (b) Mibgħut lura lejn l-Afganistan fi Frar 2006. Skont informazzjoni minn Awwissu 2021 huwa kien fl-Afganistan, (c) Arrestat fil-Pakistan 2024 u deportat lejn l-Afganistan fl-2025, (d) Isem il-missier: Abdul Rahman. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 25.1.2001”

(5) “Abubakar Swalleh (psewdonimu affidabbli: (a) Abubaker Swaleh; (b) Tom Kiyurige). Sess: raġel. Data tat-twelid: 13.1.1992. Post tat-twelid: Mengo, l-Uganda. Nazzjonalità: Ugandiża. Nru tal-passaport: A00195974 (Passaport tal-Uganda). Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: CM920231090NZA (l-Uganda). Indirizz: Luzira Prison, Luzira, Kampala, l-Uganda. Tagħrif ieħor: (a) jipprovdi appoġġ finanzjarju, materjali, jew teknoloġiku, jew servizzi finanzjarji jew servizzi oħra lill-ISIL (elenkat bħala Al-Qaida fl-Iraq) jew b’appoġġ għalihom; (b) aġixxa, mill-2018, bħala faċilitatur tal-ISIL li jipprovdi appoġġ finanzjarju u loġistiku inkluż ir-reklutaġġ għall-ISIL fil-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika. Numru tat-telefown: +963936016952. Data tal-inklużjoni fil-lista msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 16.6.2025.”

huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Abubakar Swalleh (psewdonimu affidabbli: (a) Abubaker Swaleh; (b) Tom Kiyurige; psewdonimu inqas affidabbli: Isaac Mupeta). Ġeneru: raġel. Data tat-twelid: (a) 13.1.1992; (b) 16.3.1993. Post tat-twelid: Mengo, l-Uganda. Nazzjonalità: Ugandiża. Nru tal-passaport: A00195974 (Passaport tal-Uganda, data ta’ skadenza fis-16.12.2029). Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: CM920231090NZA (l-Uganda). Indirizz: Luzira Prison, Luzira, Kampala, l-Uganda. Informazzjoni oħra: (a) jipprovdi appoġġ finanzjarju, materjali, jew teknoloġiku, jew servizzi finanzjarji jew servizzi oħra lill-ISIL (elenkat bħala Al-Qaida fl-Iraq) jew b’appoġġ għalihom; (b) aġixxa, mill-2018, bħala faċilitatur tal-ISIL li jipprovdi appoġġ finanzjarju u loġistiku inkluż ir-reklutaġġ għall-ISIL fil-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika. Numru tat-telefown: +963936016952. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 16.6.2025.”

(b) Id-data tal-identifikazzjoni tal-entrati li ġejjin taħt l-intestatura “Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet” fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hija emendata kif ġej:

(1) “Ummah Tameer E-Nau (UTN) (alias UTN). Indirizz: Street 13, Wazir Akbar Khan, Kabul l-Afganistan, il-Pakistan. Tagħrif ieħor: (a) Id-diretturi jinkludu Mahmood Sultan Bashir-Ud-Din, Majeed Abdul Chaudhry u Mohammed Tufail; (b) Ipprojbita milli topera fil-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.12. 2001.”

huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Ummah Tameer E-Nau (UTN) (psewdonimu UTN). Indirizz: (a) Street 13, Wazir Akbar Khan, Kabul l-Afganistan; (b) il-Pakistan. Informazzjoni oħra: (a) Id-diretturi kienu jinkludu lil Mahmood Sultan Bashir-Ud-Din; (b) Ipprojbita milli topera fil-Pakistan. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7e(e): 24.12.2001.”

(2) “L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K) (psewdonimu: (a) ISIL Khorasan, (b) Provinċja ta’ Khorasan tal-Istat Iżlamiku, (c) ISIS Wilayat Khorasan, (d) il-Fergħa tal-Asja t’Isfel tal-ISIL, (e) Kapitolu tal-Asja t’Isfel tal-ISIL, (f) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u ash-Sham — il-Provinċja ta’ Khorasan, (g) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u s-Sirja — Khorasan, (h) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u l-Levante fil-Provinċja ta’ Khorasan, (i) l-Istat Iżlamiku ta’ Khurasan, (j) ISIS-K, (k) ISISK, (l) IS-Khorasan). Informazzjoni oħra: L-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K) ġie ffurmat fl-10 ta’ Jannar 2015 minn kmandant tat-Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) u ġie stabbilit minn eks-kmandanti tal-fazzjoni tat-Taliban li ħa l-ġurament ta’ lealtà lejn l-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (elenkat bħala Al-Qaida fl-Iraq). ISIL-K iddikjarat li hija responsabbli għal għadd kbir ta’ attakki kemm fl-Afganistan kif ukoll fil-Pakistan. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7e(e): 14.5.2019.”

huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K) (psewdonimu: (a) ISIL Khorasan, (b) Provinċja ta' Khorasan tal-Istat Iżlamiku, (c) ISIS Wilayat Khorasan, (d) il-Fergħa tal-Asja t'Isfel tal-ISIL, (e) Kapitolu tal-Asja t'Isfel tal-ISIL, (f) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u ash-Sham – il-Provinċja ta' Khorasan, (g) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u s-Sirja – Khorasan, (h) L-Istat Iżlamiku tal-Iraq u l-Levante fil-Provinċja ta' Khorasan, (i) l-Istat Iżlamiku ta' Khurasan, (j) ISIS-K, (k) ISISK, (l) IS-Khorasan, (m) l-Istat Iżlamiku tal-Provinċja ta' Khorasan (ISKP)). Informazzjoni oħra: L-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante — Khorasan (ISIL-K) ġie ffurmat fl-10.1.2015 minn eks-kmandant tat-Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) u ġie stabbilit minn eks-kmandanti tal-fazzjoni tat-Taliban li ħadu l-ġurament ta' lealtà lejn l-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (elenkat bħala Al-Qaida fl-Iraq). ISIL-K iddikjarat li hija responsabbli għal għadd kbir ta' attakki kemm fl-Afganistan kif ukoll fil-Pakistan. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7e(e): 14.5.2019."